**Rikors ippreżentat fid-9 ta’ Mejju 2016 – Meissen Keramik vs EUIPO – Staatliche Porzellan Manufaktur Meissen (Meissen)**

**(Kawża T-234/16)**

(2016/C 243/51)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Meissen Keramik GmbH (Meißen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Vohwinkel u M. Bagh, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Staatliche Porzellan-Manufaktur Meissen GmbH (Meißen, il-Ġermanja)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark tal-Unjoni verbali “Meissen” – trade mark tal-Unjoni Nru 3 743 663

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ revoka

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta’ Marzu 2016 fil-Kawżi magħquda R 2620/2014-4 u R 2622/2014-4

## Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn twassal għal żvantaġġ għar-rikorrenti, jiġifieri sa fejn hija ċaħdet l-appell tal-applikant u rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali u sa fejn hija, barra minn hekk, fuq appell tal-proprjetarju tat-trade mark ikkontestata, annullat id-deċiżjoni kkontestata tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u ċaħdet ukoll it-talba ta’ kanċellazzjoni wkoll f’dan ir-rigward;

— sa fejn il-Qorti Ġenerali tqis lilha nnifisha kompetenti sabiex tirriforma d-deċiżjoni kkontestata: tiddikjara r-revoka tad-drittijiet kollha fir-rigward tat-trade mark tal-Unjoni Nru 3 743 663 – u fin-nuqqas ta’ dan u għall-kumplament: tibgħat lura l-kawża quddiem l-EUIPO.

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

## Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta’ Mejju 2016 – Biogena Naturprodukte vs UASI (ZUM wohl)**

**(Kawża T-236/16)**

(2016/C 243/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Biogena Naturprodukte GmbH & Co KG (Salzburg, l-Awstrija) (rappreżentant: I. Schiffer, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "ZUM wohl" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 666 871

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Frar 2016 fil-Każ R 1982/2015-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkonstata li s-sinjal li għalih saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni bir-referenza TK 013 666 871 huwa integralment ammess għar-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja għall-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet 29, 30, 32 u 43 imsemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni tat-23 ta' Jannar 2015;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż kollha li l-awtur tal-applikazzjoni espona fil-kuntest tal-proċedimenti ta' reġistrazzjoni;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż ta' din il-proċedura.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fit-12 ta' Mejju 2016 – Polskie Zdroje vs EUIPO (perlage)**

**(Kawża T-239/16)**

(2016/C 243/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Polskie Zdroje sp. z o. o. sp. k. (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: T. Gawrylczyk, radca prawny [konsulent legali])

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem il-EUIPO**

*Trade mark inkwistjoni:* it-trade mark verbali tal-Unjoni "perlage" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 472 899

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Marzu 2016 fil-Każ R 1129/2015-5